MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 727/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**John Mallia (K.I. 80957M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ mitejn u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€290.17) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1021959 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Mejju, 2009, dawk tal-mandat at’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-Att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-22 ta' Novembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------